KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.12.2005
KUMM(2005) 667 finali

2005/0281 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-iskart

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2005) 1681}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan kumplessiv ta' din il-proposta għar-reviżjoni huwa biex jittejbu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 75/442/KEE waqt li tinżamm l-istruttura essenzjali u d-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha. Dak li qed ikun issuġġerit huwa l-irfinar tad-Direttiva aktar milli bidla mill-qiegħ.

L-Istrateġija Tematika fuq il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart identifikat tliet raġunijiet prinċipali biex issir reviżjoni tad-Direttiva 75/442/KEE, id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart.

L-ewwelnett, sar evidenti li ċertu numru ta' definizzjonijiet fid-Direttiva 75/442/KEE m'humiex ċari biżżejjed, u dan qed iwassal għall-varjazzjoni u inċertezza fl-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ewlenin minn Stat Membru għall-ieħor u f'xi każijiet minn reġjun għal reġjun. Sa ċertu punt bħala konsegwenza ta' dan, numru sinifikanti ta' kawżi ħtieġu interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Dan wassal għall-diffikultajiet konsiderevoli għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti.

Il-kwistjonijiet fejn hemm nuqqas ta' ċertezza ġuridika għandhom x'jaqsmu prinċipalment mad-definizzjoni ta' l-iskart u d-distinzjoni bejn l-irkupru u r-rimi. Din il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tipproponi definizzjonijiet aktar ċari u/jew mekkaniżmu biex tkun ikkjarifikata l-kwistjoni fil-livell ta' l-UE kif jixraq.

It-tieni, l-Istrateġija Tematika fuq il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart tintroduċi metodu ġdid għall-politika ta' l-iskart li hija adattata aħjar għal sitwazzjoni fejn il-biċċa l-kbira ta' l-operazzjonijiet sinifikanti ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart huma issa koperti bil-leġiżlazzjoni ambjentali. Huwa importanti li d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tkun adattata għal dan il-metodu.

Dan jeħtieġ numru ta' bidliet. L-aktar waħda sinifikanti hija l-introduzzjoni ta' għan ambjentali. Il-biċċa l-kbira tad-Direttivi ambjentali issa għandhom għan bħal dan, li jgħin biex jorjenta d-Direttiva kollha lejn mira speċifika. Fil-każ ta' din il-proposta, l-għan ambjentali jiffoka d-Direttiva fuq it-tnaqqis ta' l-impatti ambjentali mill-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-iskart, waqt li tqis ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja. Tieħu dan il-punt fokali mill-Istrateġija dwar ir-Riżorsi

Parti importanti oħra ta' din il-bidla strateġika hija x-xejra lejn metodu bbażat aktar fuq l-istandards. Din il-proposta ssaħħaħ l-istandards f'numru ta' oqsma permezz ta' l-applikazzjoni ta' standards minimi, definizzjonijiet ċari ta' l-irkupru u l-użu ta' kriterji tat-tmiem ta' l-iskart.

Fl-aħħarnett, din il-proposta tirsisti biex tissimplifika l-qafas regolatorju eżistenti. Tirrevoka d-Direttiva 75/439/KEE dwar ir-rimi taż-żejt użat u tintegra d-Direttiva 91/689/KEE fuq skart perikoluż fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart. Id-Direttiva dwar iż-Żejt Użat stabbiliet prijorità għar-riġenerazzjoni ta' żjut użati fuq għażliet oħra ta' l-irkupru li m'għadhiex ġġustifikata. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fuq Skart Perikoluż huma konnessi mill-qrib mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u l-integrazzjoni tagħhom tikkonsolida u tissimplifika l-leġiżlazzjoni. Barra minn dan, xi dispożizzjonijiet li għadda żmienhom jew li m'humiex

ċari fit-tliet Direttivi għandhom ikunu mmodifikati jew jitneħħew.

- **Il-kuntest ġenerali**

L-istorja ta' l-iskart hija qadima daqs l-istorja tas-soċjetà umana. L-iskart huwa fil-qalba ta' l-iżvilupp tal-politika ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea, u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart kienet waħda mill-ewwel miżuri leġiżlattivi meħuda biex tipproteġi l-ambjent fil-livell ta' l-UE.

Mill-1975, il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart ġiet żviluppata b'mod sinifikanti. Fl-ewwel grupp, twaqqaf il-qafas ġenerali, u ġew ittrattati numru ta' problemi speċifiċi (iż-żjut użati, id-dijossidu tat-titanju). Fit-tieni grupp, kienu żviluppati l-istandards għal-*landfills* u l-inċineraturi. Fl-aħħar, fit-tielet grupp, id-Direttivi dwar ir-Riċiklaġġ waqqfu l-organizzazzjoni u l-finanzjament meħtieġa biex jiffaċilitaw ir-riċiklaġġ ta' numru ta' flussi ta' l-iskart ta' prijorità (L-imballaġġ, il-Vetturi li m'għadhomx jintużaw, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku [WEEE]).

M'humiex meħtieġa aktar azzjonijiet leġiżlattivi ewlenin. Iżda, għandha tittieħed azzjoni għat-titjib tal-qafas, u jitneħħew in-nuqqasijiet li fadal. Din il-proposta għar-reviżjoni tistabbilixxi numru ta' dawn l-azzjonijiet meħtieġa; l-oħrajn se jkollhom jiġu indirizzati f'perjodu ta' żmien itwal.

Li kieku ma ssirx reviżjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart, il-problemi identifikati man-nuqqas taċ-ċertezza ġuridika jkomplu joħolqu problemi għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti, u n-nuqqas ta' standards f'ċerti oqsma jimminaw il-livell ta' protezzjoni ta' l-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll is-suq intern fil-prodotti riċiklati. Jekk ma jkunx hemm aġġustament fil-qafas regolatorju, u speċjalment id-Direttivi dwar iż-Żejt Użat u dwar l-Iskart Perikoluż ma' l-għarfien u l-għanijiet kurrenti, dan jimmina l-kredibbiltà tal-politika ta' l-UE f'dan il-qasam.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Din il-proposta tirrevedi d-Direttiva 75/442/KEE (id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart) u tirrevoka kemm id-Direttiva 91/689/KEE dwar skart perikoluż (id-Direttiva dwar Skart Perikoluż) billi tintegra d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart kif ukoll id-Direttiva 75/439/KEE (id-Direttiva dwar iż-Żejt Użat) waqt li tintegra l-obbligu speċifiku tal-ġbir. L-elementi ta' dawn iż-żewġ Direttivi li jibqgħu rilevanti u ġġustifikati huma integrati fil-proposta għal Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart riveduta. Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tistabbilixxi d-definizzjonijiet u r-regoli bażiċi għall-biċċiet l-oħra kollha ta' leġiżlazzjoni ta' l-UE rigward l-iskart - għalhekk għandha impatt dirett jew indirett fuqhom kollha.

Barra minn dan, fil-qasam tal-permess għall-installazzjonijiet ta' l-iskart, id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart taħdem flimkien mad-Direttiva 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (id-Direttiva IPPC). Fil-passat dawn iż-żewġ Direttivi kienu jidħlu f'xulxin u dan wassal għall-permessi doppji u żieda mhux meħtieġa fil-piż regolatorju u amministrattiv. Għalkemm dawn inħolqu l-aktar bl-implimentazzjoni tad-Direttivi mill-Istati Membri, din id-Direttiva fiha kliem espliċitu li jagħmilha ċara li dawn il-permessi doppji m'humiex meħtieġa fil-liġi ta' l-UE.

Numru ta’ elementi li ma ġewx adottati f’din il-proposta mid-Direttiva dwar Skart Perikoluż huma koperti b’mod xieraq f’leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità bħad-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta’ l-iskart u d-Direttiva 96/59/KE dwar il-PCB/PCT.

- **Il-konsistenza ma’ politki u għanijiet oħra ta’ l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

### 2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U EVALWAZZJONI TA’ L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni ma’ partijiet interessati**

*Il-metodi ta’ konsultazzjoni, is-setturi fil-mira ewlenin u l-profil ġenerali ta’ min wieġeb*

Wara l-Komunikazzjoni "Lejn Strateġija Tematika dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta’ l-iskart [COM(2003) 301] kienet organizzata konsultazzjoni miftuħa fuq l-Internet mal-partijiet interessati.

It-tieni, il-Kummissjoni organizzat ħames laqgħat ta’ l-esperti biex ikun hemm diskussjoni fil-fond fuq suġġetti ta’ importanza partikolari għall-Istrateġija (ara hawn isfel). Barra minn dan, kien hemm tliet laqgħat informali ma’ l-Istati Membri, u tliet laqgħat tal-partijiet interessati, wieħed minnhom kien ristrett għal organizzazzjonijiet fil-livell ta’ l-UE biex id-dibattitu jkun faċilitat.

It-tielet, kien hemm konsultazzjoni addizzjonali tal-partijiet interessati fuq l-evalwazzjoni ta’ l-impatt, fejn il-partijiet interessati ntalbu jipprovdu informazzjoni dwar l-impatti probabbli fuq firxa ta’ għażliet tal-politika identifikati. Irċevejna disgħin risposta għal din il-konsultazzjoni.

Ir-raba’, kien hemm konsultazzjonijiet speċifiċi addizzjonali kemm tal-partijiet interessati u ta’ l-Istati Membri fuq id-Direttiva dwar Skart Perikoluż u d-Direttiva dwar Żejt Użat.

*Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu*

Mhux possibbli li jkunu koperti l-kummenti kollha riċevuti matul il-proċess ta’ konsultazzjoni estensiv imsemmi hawn fuq. Hemm sommarju tal-kummenti riċevuti b’risposta għall-ewwel konsultazzjoni fuq l-Internet fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija Tematika, u r-risposti kollha għall-konsultazzjonijiet miftuħa flimkien mar-riżultati tal-gruppi ta’ esperti u tal-partijiet interessati ffukati fis-sit ta’ l-Internet tagħna fi: http://europa.eu.int/comm/environment/waste/strategy.htm

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-Internet mill-10/5/2003 sa l-10/11/2003. Il-Kummissjoni rċeviet 220 risposta. Ir-riżultati huma disponibbli fi http://forum.europa.eu.int/Public/irc/env/waste_strat/library?l=/test&vm=detailed&sb=Title.

- **Ġbir u użu ta’ għarfien espert**

*Oqsma xjentifiċi/Oqsma ta’ għarfien espert kkonċernati*

L-oqsma ewlenin fejn intalab l-għarfien espert xjentifiku kienu fl-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta’ l-iskart, l-istandards ta' l-impjanti ta’ l-irkupru, id-

definizzjonijiet ta’ l-iskart, l-irkupru u r-rimi.

*Il-metodoloġija użata*

Il-metodoloġiji prinċipali użati kienu laqgħat ta’ esperti u l-ikkummissjunar ta’ studji rilevanti. Kien ikkummissjonat stħarriġ kritiku ta’ studji eżistenti u l-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja fuq ir-riġenerazzjoni u l-inċinerazzjoni ta’ żjut użati (ara http://europa.eu.int/comm/environment/waste/studies/oil/waste_oil.htm).

*Organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati*

Ġiet ikkonsultata firxa wiesgħa ta’ esperti minn istituti ta’ riċerka, konsulenti u l-industrija u tqiesu l-opinjonijiet tagħhom.

*Sommarju tal-pariri rċevuti u użati*

Ma ssemmietx l-eżistenza ta’ riskji potenzjalment serji b’konsegwenzi irriversibbli.

Il-parir irċevut u użat huwa estensiv u varjat wisq biex jista’ jinġabar fil-qosor hawnhekk. Ir-riżultati tal-laqgħat ta' l-esperti, l-istudji u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati jistgħu jinstabu fi: http://europa.eu.int/comm/environment/waste/strategy.htm, http://europa.eu.int/comm/environment/waste/oil_index.htm u http://europa.eu.int/comm/environment/waste/hazardous_index.htm.
Ħafna mir-riżultati huma diskussi fil-Valutazzjoni ta’ l-Impatt mehmuża ma’ l-Istrateġija Tematika fuq il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta’ l-iskart.

Rigward id-Direttiva dwar Żejt Użat, il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet interessati varjaw bil-kbir fuq kemm hi mixtieqa u l-impatt tar-revoka tal-prijorità tar-riġenerazzjoni. Ma seta’ jintlaħaq l-ebda kunsens fost il-partijiet interessati f’din il-kwistjoni.

*Mezzi użati biex il-pariri esperti jkunu disponibbli pubblikament*

Sommarju tar-riżultat tal-laqgħat ta’ l-esperti tpoġġa fis-sit ta' l-Internet rilevanti.

- **L-evalwazzjoni ta' l-impatt**

Ir-reviżjoni tad-Direttiva 75/442/KEE hija waħda mill-elementi inkluża fil-pakkett ta’ l-Istrateġija Tematika fuq il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta’ l-iskart. Saret evalwazzjoni ta’ l-impatt fuq il-pakkett sħiħ.

Ir-rapport ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt fih evalwazzjoni ta’ ħames settijiet ta’ għażliet, kull wieħed għandu x’jaqsam ma’ kwistjoni ambjentali speċifika u jirrakkomanda t-taħlita ta’ għażliet li ġejja:

- Jintuża metodu dwar ir-riżorsi għall-iskart ibbażat fuq il-ħsieb dwar iċ-ċiklu tal-ħajja li jinvolvi t-titjib tal-bażi ta’ l-informazzjoni u l-kjarifika ta’ l-għan ambjentali tal-politika ta’ l-iskart;
- Nersqu lejn soċjetà Ewropea tar-riċiklaġġ bl-iżvilupp ta’ rekwiżiti ambjentali komuni għar-riċiklaġġ ta’ l-iskart;
- Ikun immodernizzat il-qafas leġiżlattiv billi tkun riveduta l-leġiżlazzjoni ta’ qafas dwar l-iskart u jkunu adottati linji ta’ gwida għall-kwistjonijiet li jeħtieġu metodi

minn każ għal każ.

Flimkien ma' dan, l-evalwazzjoni ta' l-impatt tirrakkomanda li l-prijorità mogħtija mid-Direttiva 75/439/KEE għar-riġenerazzjoni taż-żjut użati għandha tkun irrevokata u l-isforzi għandhom ikunu ffukati fuq il-ġbir taż-żjut użati.

Diversi għażliet minn dawn huma proposti għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi f'għamla ta' qafas. L-evalwazzjoni ta' l-impatt turi li għandhom ġeneralment jirriżultaw f'eko-effiċjenza mtejba tal-politika ta' l-UE u li l-impatti speċifiċi ta' metodi ta' qafas bħal dawn se jiddependu fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni meħudin fil-livelli ta' l-UE jew dawk nazzjonali.

Din id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet li jimplimentaw elementi ta' kull għażla ppreferuta ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt, inkluż:

- L-introduzzjoni ta' għan ambjentali fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart. Dan se jinkludi ħsieb fuq iċ-ċiklu tal-ħajja fil-politika ta' l-iskart u jsaħħaħ l-effettività fl-ispejjeż magħmulin;
- Id-determinazzjoni ta' kriterji dwar it-tmiem ta' l-iskart. Dan se jagħmilha possibbli li jkunu stabbiliti kriterji għall-flussi speċifiċi ta' l-iskart li jiżguraw li materjal riċiklat ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jirriżultaw fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-operaturi li jipproduċu materjal riċiklat li jħarsu dawn il-kriterji;
- L-obbligu ta' l-Istati Membri li jiżviluppaw programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart. Din id-dispożizzjoni mhux mistennija li jkollha impatti diretti ambjentali, ekonomiċi jew soċjali, għalkemm l-impatti se jvarjaw skond l-azzjonijiet meħudin. Se żżid il-konċentrazzjoni ta' min jagħmel il-politika fil-livelli ta' l-UE, nazzjonali u sub-nazzjonali fuq il-prevenzjoni u għalhekk titikkawża żieda fl-oqsma tal-politika dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart. Tippermetti l-flessibilità meħtieġa fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet nazzjonali u lokali biex jinħakmu l-benefiċċji tal-prevenzjoni ta' l-iskart;
- Is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u partikolarment il-kjarifika tad-definizzjonijiet. Din se jkollha impatti pożittivi ambjentali u ekonomiċi u se tingħaqad ma' linji ta' gwida interpretattivi biex jittrattaw kwistjonijiet fuq bażi minn każ għal każ meta l-leġiżlazzjoni tkun riġida wisq;
- Ir-revoka tal-prijorità mogħtija għar-riġenerazzjoni taż-żjut użati se tnaqqas l-ispiża ta' l-immaniġġjar ta' dan il-fluss ta' l-iskart waqt li tkun iffukata aktar il-kwistjoni ambjentali ewlenija, jiġifieri l-ġbir taż-żjut użati. Dan se jirriżulta f'eko-effiċjenza mtejba fl-immaniġġjar taż-żjut użati.

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni ta' l-impatt fil-Programm tax-Xogħol. Ir-rapport huwa aċċessibbli fi http://europa.eu.int/comm/environment/waste/strategy.htm

### 3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart kienet adottata għall-ewwel darba fl-1975, imbagħad riveduta mid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE fit-18 ta' Marzu 1991. Il-proposta tirrevedi d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart, u tirrevoka kemm id-Direttiva 91/689/KEE billi tintegra d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva 75/439/KEE, waqt li tintegra l-obbligu speċifiku tal-ġbir.

L-emendi prinċipali tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart huma kif ġej:

L-introduzzjoni ta' għan ambjentali.

Il-kjarifika tal-kunċetti ta' l-irkupru u r-rimi.

Il-kjarifika tal-kundizzjonijiet għat-taħlit ta' skart perikoluż.

L-introduzzjoni ta' proċedura għall-kjarifika ta' meta skart ma jibqax skart għall-flussi magħżulin ta' l-iskart.

L-introduzzjoni ta' standards minimi jew proċedura biex ikunu stabbiliti standards minimi għal numru ta' operazzjonijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart.

L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-iżvilupp ta' programmi nazzjonali għall-prevenzjoni ta' l-iskart.

- **Il-bażi legali**

L-għan primarju ta' din id-Direttiva huwa l-protezzjoni ta' l-ambjent. Din il-proposta hija għalhekk ibbażata fuq l-Artikolu 175 KE, kif kienet r-reviżjoni ta' qabel tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sal-punt li l-proposta ma taqax fil-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin:

Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tistabbilixxi l-bażi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' l-iskart. Tistabbilixxi standards minimi għas-suq intern fl-iskart għar-riċiklaġġ, u hija kruċjali għall-operazzjoni tad-Direttivi u r-Regolamenti l-oħra kollha fil-qasam ta' l-Iskart. Hija Direttiva ta' Qafas, u tippermetti l-implimentazzjoni ddettaljata li għandha ssir fil-livell ta' l-Istat Membru.

Min-naħa l-oħra, ir-revoka tar-rekwiżit biex tingħata prijorità għall-ipproċessar taż-żjut użati bir-riġenerazzjoni tħalli l-prijoritizzazzjoni ta' teknoloġiji speċifiċi ambjentali ppreferuti għall-Istat Membru.

Azzjoni fuq il-kwistjonijiet l-oħra dwar l-iskart mill-Istati Membri waħedhom tirrendi lis-suq intern fl-iskart għar-riċiklaġġ ma jiffunzjonax u tagħmel ħsara għall-kooperazzjoni f'forom oħra tat-trattament ta' l-iskart. Dan iwassal għal spejjeż sinifikanti ekonomiċi u ambjentali.

Azzjoni Komunitarja se tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin.

Hija biss azzjoni fil-livell ta' l-UE li tista' tiggarantixxi li l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ikunu protetti mill-effetti potenzjalment ta' ħsara tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-iskart.

L-iskart jiċċirkola ġewwa l-UE kollha u tabilħaqq fuq livell internazzjonali. L-impatt ambjentali tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-iskart f'termini ta' tniġġis ta' l-arja, tal-ħamrija u ta' l-ilma m'għandux fruntieri. Barra minn dan, suq intern fl-iskart għar-riċiklaġġ jista' jeżisti biss fejn hemm definizzjoni komuni ta' l-UE ta' kunċetti ewlenin bħal "skart", "irkupru" u "rimi", u fejn hemm standards minimi komuni dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tippreżerva n-natura ta' qafas tad-Direttiva. Tirregola aspetti bħad-definizzjonijiet u standards minimi, waqt li tħalli lill-Istati Membri jimplimentaw id-dettalji tal-metodi ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart tagħhom fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Din il-proposta għalhekk tħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tħares il-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tissimplifika b'mod sinifikanti d-Direttiva eżistenti. Tirrevoka wkoll żewġ direttivi oħra, u tintegra l-aspetti ta' dawk id-Direttivi li jibqgħu rilevanti fid-Direttiva riveduta ta' Qafas dwar l-Iskart. Bħala Direttiva ta' Qafas, tirregola biss punti fejn huwa essenzjali li jkun hemm metodu armonizzat, li jippermetti deċiżjonijiet nazzjonali f'oqsma oħrajn.

Il-proposta tintroduċi numru ta' innovazzjonijiet li se jnaqqsu l-piż finanzjarju u amministrattiv tar-regolamentazzjoni ta' l-iskart waqt li jkun ippreservat livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.

- **Għażla ta' l-istrumenti**

Strumenti proposti: direttiva ta' qafas.

Mezzi oħra ma jkunux adatti għar-raġuni li ġejja.

Miżura leġiżlattiva anqas flessibbli tkun sproporzjonata, minħabba l-bżonn li jitħallew differenzi nazzjonali fl-immaniġġjar ta' l-iskart kif ukoll minħabba differenzi kulturali u ġeografiċi. Miżura volontarja jew aktar flessibbli ma tagħtix iċ-ċertezza ġuridika meħtieġa għall-operazzjoni tas-suq intern u l-garanzija liċ-ċittadini li l-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent ma tkunx affettwata ħażin mill-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-iskart, ġewwa l-UE kollha.

## 4) Implikazzjonijiet fuq il-baġit

Din il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju. Il-miżuri ta' din il-proposta jibqgħu fi ħdan il-qafas finanzjarju attwali u fil-leġiżlazzjoni proposta għall-perjodu 2007-2013.

## 5) Informazzjoni addizzjonali

- **Is-Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, is-simplifikazzjoni ta' proċeduri

amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (ta' l-UE jew nazzjonali), u s-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi għall-partijiet privati.

Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tissimplifika, timmodernizza u tiċċara d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart b'numru ta' modi. Barra minn dan, tirrevoka żewġ Direttivi eżistenti, telimina d-dispożizzjonijiet żejda u tinkorpora d-dispożizzjoni li tibqa' fil-proposta riveduta. Dan jissimplifika l-istruttura tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart ta' l-UE.

L-obbligu tal-pjan ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart kien iċċarat u ssimplifikat.

Proċedura biex ikunu stabbiliti kriterji għat-tmiem ta' l-iskart, li tiċċara meta skart ma jibqax skart ġiet introdotta, u għalhekk ġie introdott rimedju regolatorju għall-prodotti riċiklati jew materjali li jirrappreżentaw riskju baxx għall-ambjent.

Il-potenzjal li jippermetti li jidħlu f'xulxin id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva IPPC ġie ċċarat, biex jitnaqqsu l-possibbiltajiet li jintalbu permessi doppji fil-livell ta' Stat Membru.

Il-proposta hija inkluża fil-programm li għaddej tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni ta' l-*acquis communautaire* u l-Programm tagħha tax-Xogħol u l-Leġiżlazzjoni fir-referenza WP 05 2004/ENV/001.

- **Ir-revoka ta' leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Tabella ta' korrelazzjoni**

L-Istati Membri huma meħtieġa jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva kif ukoll tabella tal-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jirrigwarda kwistjoni taż-ŻEE u għandu għalhekk jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-għan tad-Direttiva proposta.

L-għan il-ġdid jiffoka mill-ġdid id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart fuq l-impatti ambjentali tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-iskart, waqt li jqis iċ-ċiklu tal-ħajja tar-riżorsi. Torbot 'il-ġerarkija ta' l-iskart', li qabel kienet fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 75/442/KEE, ma' dan l-għan, mingħajr ma tibdel l-ordni jew in-natura tal-ġerarkija. Il-kliem tal-ġerarkija ġie mmodernizzat, sabiex jitqiesu l-evoluzzjonijiet tan-natura tal-kliem użat.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-ambitu tad-Direttiva proposta.

L-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, huwa emendat sabiex jirrestrinġi l-kunċett ta' 'kopert minn leġiżlazzjoni oħra' għal-leġiżlazzjoni tal-Komunità biss. Dan sabiex tittejjeb iċ-ċertezza

ġuridika u tkun żgurata kopertura minima fil-livell tal-Komunità. Din tinkludi wkoll esklużjonijiet ġodda dwar ħamrija kkontaminata mhux skavata; prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti sekondarji agrikoli.

L-Artikolu 3 fih definizzjonijiet għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva u d-Direttivi li jagħmlu referenza għaliha.

Id-definizzjoni ta' skart ma nbidlitx, imma żdied mekkaniżmu fil-Kapitolu III biex jippermetti l-possibilità ta' kjarifika meta ċertu skart ma jibqax skart billi jkunu speċifikati kriterji permezz tal-proċess tal-komitoloġija għal dawk il-flussi ta' l-iskart li jissodisfaw it-testijiet stabbiliti fl-Artikolu 11.

Id-definizzjoni ta' użu mill-ġdid hija ddefinita bl-istess mod bħal fid-Direttiva ta' l-Imballaġġ u l-Imballaġġ ta' l-Iskart.

Definizzjoni ta' riċiklaġġ ġiet miżjuda sabiex jiġi kkjarifikat l-ambitu ta' din in-nozzjoni.

Id-definizzjoni ta' ġbir hija riveduta biex tiċċara li dan ikopri l-att tal-ġbir ta' l-iskart u li jinġabar flimkien sabiex dak l-iskart jista' jkun ittrasportat għas-sit xieraq għat-trattament ta' l-iskart, imma mhux l-operazzjonijiet tat-trattament ta' l-iskart involuti fit-taħlit jew l-għażla ta' l-iskart.

Id-definizzjonijiet ta' 'produttur', 'possessur', u 'immaniġġjar' sostanzjalment ma jinbidlux.

L-Artikolu 4 jżomm il-bażi legali għall-elenku ta' skart stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

L-Artikoli 5 u 6 fihom definizzjoni rriveduta ta' l-irkupru li tikkonferma li l-bażi għal din id-definizzjoni hija s-sostituzzjoni tar-riżorsi. Flimkien mad-definizzjoni ta' rimi, tippermetti soluzzjoni għal distinzjonijiet diffiċli permezz tat-twaqqif ta' kriterji ta' effiċjenza meta jkun xieraq. Fiha wkoll ċerti proċeduri li jippermettu l-kjarifika tal-klassifikazzjoni ta' ċerti operazzjonijiet ta' l-iskart bħala rkupru jew rimi, meta dan ikun meħtieġ, pemezz ta' proċess tal-komitoloġija.

L-Artikoli 7 u 8 issa t-tnejn jistabbilixxu l-obbligu ġenerali li jkun żgurat li l-iskart ikun immaniġġjat b'mod li ma jipperikolax l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem u li l-iskart ikun immaniġġjat b'mod li huwa kompatibbli mad-Direttiva. Il-kliem ta' dawn l-obbligi ma jinbidilx mid-Direttiva 91/156/KEE.

L-Artikolu 9 fuq l-ispiża tat-trattament huwa estiż għall-operazzjonijiet ta' l-irkupru kif ukoll l-operazzjonijiet tar-rimi. Huwa emendat biex ikun ċar li l-ispejjeż ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart li għandhom jitħallsu mill-possessuri jew il-produtturi ta' l-iskart għandhom jirriflettu l-esternalitajiet sħaħ tar-rimi jew l-irkupru ta' dan l-iskart. Fi kliem ieħor għandu jirrifletti l-ispiża reali tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' dan l-iskart fl-ambjent.

L-Artikolu 10 fuq in-netwerk ta' installazzjonijiet tar-rimi sostanzjalment ma jinbidilx.

Il-Kapitolu III fih mekkaniżmu li jippermetti l-possibilità ta' kjarifika meta ċertu skart ma jibqax skart billi jkunu speċifikati kriterji permezz tal-proċess tal-komitoloġija għal dawk il-flussi ta' l-iskart li jissodisfaw it-testijiet stabbiliti fl-Artikolu 11.

L-Artikoli 12 sa 15 dwar l-iskart perikoluż huma inkorporati mid-Direttiva dwar Skart

Perikoluż fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart riveduta. Id-definizzjoni ta' skart perikoluż hija riveduta biex tiċċara l-kunċett ta' skart domestiku u l-esklużjoni tiegħu mid-definizzjoni.

L-Artikolu 16 fuq is-separazzjoni ta' skart perikoluż huwa inkorporat mid-Direttiva dwar Skart Perikoluż fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart riveduta. Qed tinżamm id-deroga fuq il-projbizzjoni tat-taħlit, imma ssir suġġetta għall-konformità ma' l-Aħjar Teknika Disponibbli. Ir-referenza għas-'sigurtà' titneħħa, billi din mhix kelma użata fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u mhix kompatibbli mal-punt fokali fuq l-impatti ambjentali.

L-Artikolu 17 fuq l-ittikkettar ta' skart perikoluż huwa inkorporat mid-Direttiva dwar Skart Perikoluż fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart riveduta.

L-Artikolu 18 fuq żjut minerali użati jkompli mid-Direttiva dwar iż-Żejt Użat l-obbligu biex jinġabru b'mod separat dawn iż-żjut.

L-Artikolu 19 jgħaqqad iż-żewġ artikoli ta' qabel fuq permessi għall-irkupru u r-rimi imma mill-bqija ma jinbidilx.

L-Artikolu 20 jispeċifika li stabbiliment jew impriża li għandhom permess IPPC ma jeħtiġux ukoll permess skond id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart.

L-Artikolu 21 iħalli lill-Kummissjoni tistabbilixxi standards għall-permessi permezz tal-komitoloġija meta dan ikun meħtieġ.

L-Artikoli 22 sa 24 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet skond liema jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għall-iskart u l-iskart perikoluż.

L-Artikolu 25 jsaħħaħ ir-rekwiżiti li jgħoddu għall-kolletturi, it-trasportaturi, in-negozjanti u s-sensara. Jintroduċi proċedura li tista' tintuża għall-adozzjoni ta' standards minimi f'dan il-qasam.

L-Artikolu 26 dwar il-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart kien abbozzat mill-ġdid sabiex jiċċara x'għandu jkun fih pjan għall-immaniġġjar ta' l-iskart. Jispeċifika wkoll li għandu jkun hemm metodu taċ-ċiklu tal-ħajja fl-elaborazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

L-Artikoli 29 sa 31 jistabbilixxu artikolu speċifiku dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart, fejn l-Istati Membri huma meħtieġa li jfasslu programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart u jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li bihom għandhom ikunu żviluppati dawn il-programmi.

L-Artikolu 32 dwar l-ispezzjoni huwa msaħħaħ b'rekwiżit speċifiku biex ikopri l-oriġini u d-destinazzjoni ta' l-iskart miġbur u ttrasportat.

L-Artikolu 34 issa fih klawżola ta' reviżjoni kif ukoll il-miżuri ta' rappurtar ta' qabel.

L-Artikoli li jifdal sostanzjalment ma jinbidlux.

2005/0281 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-iskart**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat[4],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju, 1975 dwar l-iskart[5] tistabbilixxi qafas leġiżlattiv għall-immaniġġjar ta' l-iskart fil-Komunità. Tiddefinixxi kunċetti ewlenin bħal skart, l-irkupru u r-rimi u tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali għall-immaniġġjar ta' l-iskart, primarjament l-obbligu għall-operazzjonijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart u l-operaturi ekonomiċi li jkollhom permess jew ikunu rreġistrati, l-obbligu għall-Istati Membri li jistabbilixxu pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart u prinċipji ewlenin bħall-obbligu li l-iskart ikun ittrattat b'mod li ma jkollux impatt negattiv fuq l-ambjent, u l-prinċipju li l-produtturi ta' l-iskart għandhom iħallsu l-ispiża tat-trattament tiegħu.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju, 2002 li tistabbilixxi s-sitt Programm Komunitarju ta' l-Azzjoni għall-Ambjent[6] tirrikjedi l-iżvilupp jew ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fuq l-iskart, inkluż, fost l-oħhrajn,

---

1 ĠU Ċ.....
2 ĠU Ċ.....
3 ĠU Ċ.....
4 L-opinjoni tal-Parlament Ewropew .. .. ... (ĠU Ċ ........), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' .. . . (ĠU Ċ .....) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' .. .. .. .... (ĠU Ċ ......). .....
5 ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).
6 ĠU L 242, ta' l-10.9.2002, p. 1.

kjarifika tad-distinzjoni bejn l-iskart u dak li mhux skart u l-iżvilupp ta' kriterji adegwati għal aktar elaborazzjoni ta' l-Annessi IIA u IIB tad-Direttiva 75/442/KEE.

(3) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju, 2003 lejn Strateġija Tematika fuq il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart innutat il-bżonn biex ikunu vvalutati d-definizzjonijiet eżistenti ta' l-irkupru u r-rimi, il-bżonn għal definizzjoni applikabbli b'mod ġenerali tar-riċiklaġġ u dibattitu fuq id-definizzjoni ta' l-iskart.

(4) Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' April, 2004 l-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li testendi d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru, 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis[7] għas-settur ta' l-iskart kollu kemm hu. Talab ukoll lill-Kummissjoni tagħmel differenza ċara bejn l-irkupru u r-rimi u biex tiċċara d-distinzjoni bejn l-iskart u dak li mhux skart.

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Lulju, 2004 l-Kunsill ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva 75/442/KEE, sabiex tiċċara d-distinzjoni bejn skart u dak li mhux skart u d-distinzjoni bejn l-irkupru u r-rimi.

(6) Huwa għalhekk meħtieġ li tkun riveduta d-Direttiva 75/442/KEE sabiex ikunu ċċarati kunċetti ewlenin bħad-definizzjonijiet ta' skart, l-irkupru u r-rimi, biex jissaħħu l-miżuri li għandhom jittieħdu fuq il-prevenzjoni ta' l-iskart, biex ikun introdott metodu li jikkunsidra ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodotti u l-materjali u mhux sempliċiment il-fażi ta' l-iskart, u biex tiffoka fuq it-tnaqqis ta' l-impatti ambjentali tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart u l-immaniġġjar ta' l-iskart b'hekk jissaħħaħ il-valur ekonomiku ta' l-iskart. Fl-interessi taċ-ċarezza u l-leġġibilità, id-Direttiva 75/442/KEE għandha tinbidel.

(7) Billi l-biċċa l-kbira ta' operazzjonijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart issa huma koperti bil-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-ambjent, huwa importanti li din id-Direttiva tkun adattata għal dak il-metodu. Enfasi fuq l-għanijiet ambjentali preskritti fl-Artikolu 174 tat-Trattat tippermetti konċentrazzjoni aktar preċiża fuq l-impatti ambjentali tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart u l-immaniġġjar ta' l-iskart matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tar-riżorsi. Għalhekk, il-bażi legali għal din id-Direttiva għandha tkun l-Artikolu 175.

(8) Strumenti ekonomiċi, meta dawn ikunu effettivi f'termini ta' nfiq, dehru li u għandhom ikunu effettivi biex jilħqu l-għanijiet ta' prevenzjoni ta' l-iskart u ta' mmaniġġjar. L-iskart għandu valur bħala riżorsa u l-applikazzjoni ulterjuri ta' strumenti ekonomiċi se jkabbar kemm jista' jkun il-benefiċċji ambjentali. L-użu tagħhom fil-livell xieraq għandu għalhekk ikun inkoraġġit f'din id-Direttiva.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman[8]. Jistipola *inter alia* kontrolli proporzjonati fir-rigward ta' l-ipproċessar, l-użu u r-rimi ta' l-iskart kollu li joriġina mill-annimali, sabiex jevitaw li dan jippreżenta riskju lis-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi ċċarata r-rabta mar-Regolament, biex jiġu evitati regoli dduplikati

---

[7] ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[8] ĠU L 273, ta' l-10.10.2002, p. 1.

billi jiġu esklużi l-prodotti sekondarji ta' l-annimali fejn dawn huma maħsuba għall-użi li mhumiex ikkunsidrati bħala operazzjoni ta' l-iskart.

(10) Fid-dawl ta' din l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, ikun xieraq li jiġi ċċarat l-għan tal-leġiżlazzjoni ta' l-iskart u tad-dispożizzjonijiet tagħha dwar skart perikoluż fir-rigward tal-prodotti sekondarji kif irregolat bir-Regolament (KE) Nru 1774/2002. Fejn prodotti sekondarji ta' l-annimali joħolqu riskji potenzjali għas-saħħa, l-istrument ġuridiku xieraq biex jindirizza dawn ir-riskji huwa r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 u għandu jiġi evitat li jikkoinċidi mal-leġiżlazzjoni ta' l-iskart.

(11) Għandha tiżdied definizzjoni dwar l-użu mill-ġdid biex ikun iċċarat l-ambitu ta' din l-operazzjoni fit-trattament ġenerali ta' l-iskart u r-rwol ta' l-użu mill-ġdid ta' materjali jew prodotti li huma fl-ambitu tad-definizzjoni ta' skart. Id-definizzjoni ta' użu mill-ġdid m'għandhiex tkopri l-użu mill-ġdid ta' prodotti li ma jsirux skart fl-ewwel lok, u għandha tirrigwarda, għalhekk, dawk l-attivitajiet biss li jwasslu għall-użu mill-ġdid ta' prodotti jew komponenti li saru skart.

(12) Definizzjoni ta' riċiklaġġ għandha tiżdied mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart biex jiġi ċċarat l-ambitu ta' dan il-kunċett.

(13) Id-definizzjonijiet ta' l-irkupru u r-rimi għandhom ikunu mmodifikati sabiex jiżguraw distinzjoni ċara bejn iż-żewġ kunċetti, ibbażati fuq differenza ġenwina fl-impatt ambjentali, u b'mod aktar speċifiku fuq jekk l-operazzjoni twassalx jew le għas-sostituzzjoni tar-riżorsi naturali fl-ekonomija. Barra minn dan huwa meħtieġ li jiżdied mekkaniżmu korrettiv biex jiċċara l-każijiet meta fil-prattika huwa diffiċli li tkun applikata din id-distinzjoni jew fejn il-klassifikazzjoni ta' l-attività bħala rkupru ma taqbilx ma' l-impatt reali ambjentali jew l-operazzjoni.

(14) Sabiex ikunu ċċarati ċerti aspetti tad-definizzjoni ta' skart, jeħtieġ li jkun speċifikat meta ċertu skart għandu jitqies li m'għadux skart u li jsir materjal jew sostanza sekondarja, fuq il-bażi ta' kategorija b'kategorija. L-għoti ta' mekkaniżmu fejn il-klassifikazzjoni mill-ġdid hija suġġetta għall-kriterji li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni ambjentali għandu jipprovdi benefiċċju ambjentali u ekonomiku.

(15) Huwa xieraq li l-ispejjeż ikunu allokati b'mod li jirriflettu l-ispiża reali għall-ambjent tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' dak l-iskart.

(16) Huwa meħtieġ, sabiex il-Komunità kollha ssir awtosuffiċjenti fir-rimi ta' l-iskart u biex l-Istati Membri jersqu għal dik il-mira individwalment, li jkun ipprovdut netwerk ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' impjanti tar-rimi, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ġeografiċi u l-bżonn għal impjanti speċjalizzati għal ċerti tipi ta' skart.

(17) Jeħtieġ li jkunu speċifikati aktar l-ambitu u l-kontenut ta' l-obbligu ta' l-ippjanar ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart, notevolment f'termini tal-kopertura ta' siti storiċi kkontaminati u l-użu ta' strumenti ekonomiċi, u biex ikun integrat fil-proċess ta' l-iżvilupp jew ir-reviżjoni ta' dawn il-pjanijiet il-bżonn li jitqiesu l-impatti ambjentali matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodotti u l-materjali. Meta jkun xieraq, għandhom jitqiesu wkoll, ir-rekwiżiti ta' l-ippjanar ta' l-iskart preskritti fl-Artikolu 14 tad-

Direttiva 94/62/KE[9] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru, 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, u l-istrateġija għat-tnaqqis ta' l-iskart bijodegradabbli li jmur fil-*landfills*, imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April, 1999 għal-*landfill* ta' l-iskart[10].

(18) Sabiex jittejjeb il-mod kif jitmexxew 'il quddiem azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' l-iskart fl-Istati Membri u għall-faċilitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni ta' l-aħjar prattika f'dan il-qasam, huwa meħtieġ li jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart u biex jiddaħħal rekwiżit għall-Istati Membri għall-iżvilupp ta' programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart li jikkonċentraw fuq l-impatti ambjentali ewlenin u li jqisu ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja. Dawn l-għanijiet u l-miżuri għandhom jimmiraw biex jiksru r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-impatti ambjentali assoċjati mal-ġenerazzjoni ta' l-iskart. Il-partijiet interessati, kif ukoll il-pubbliku ġenerali, għandhom ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil tal-programmi, u għandhom ikollhom aċċess għalihom ladarba jkunu mħejjija, skond id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

(19) Ċerti dispożizzjonijiet fuq it-trattament ta' l-iskart, preskritti fid-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru, 1991 fuq skart perikoluż[12], għandhom ikunu emendati sabiex jitneħħa materjal li għadda żmienu u biex tittejjeb iċ-ċarezza tat-test. Fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, għandhom ikunu integrati f'din id-Direttiva. Sabiex tkun iċċarata l-operazzjoni tal-projbizzjoni tat-taħlit, u għall-protezzjoni ta' l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, l-eżenzjonijiet għall-projbizzjoni tat-taħlit preskritta fid-Direttiva 91/689/KEE għandha tkun ristretta għal sitwazzjonijiet fejn dan it-taħlit jirrappreżenta l-aħjar teknika disponibbli kif iddefinit fid-Direttiva 96/61/KE. Għalhekk id-Direttiva 91/689/KEE għandha tkun irrevokata.

(20) Billi l-prijorità mogħtija għar-riġenerazzjoni fid-Direttiva tal-Kunsill 75/439/KEE tas-16 ta' Ġunju, 1975 dwar ir-rimi ta' żejt użat[13] ma tirriflettix aktar benefiċċju ambjentali ċar, dik id-Direttiva għandha tkun irrevokata. Iżda, billi l-ġbir separat taż-żjut ta' l-iskart jibqa' kruċjali għall-immaniġġjar xieraq tagħhom u l-prevenzjoni tal-ħsara lill-ambjent minħabba r-rimi mhux xieraq tagħhom, l-obbligu tal-ġbir għaż-żjut użati għandu jkun integrat f'din id-Direttiva. Għalhekk id-Direttiva 75/439/KEE għandha tkun irrevokata.

(21) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju, 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għal eżerċizzju ta' poteri ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[14].

(22) Billi l-għanijiet ġenerali ta' din id-Direttiva tal-protezzjoni ta' l-ambjent u li jkun żgurat it-tħaddim xieraq tas-suq intern ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati

---

[9] ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 10.
[10] ĠU L 182, tas-16.7.1999,p. 1.
[11] ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 17.
[12] ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 20. Direttiva emendata mid-Direttiva 94/31/KE (ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 28).
[13] ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 23. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91).
[14] ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn x'inhu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# Kapitolu I
# Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri bil-għan li jitnaqqsu l-impatti ambjentali kollha, relatati ma' l-użu tar-riżorsi, tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-iskart.

Għall-istess skopijiet, tipprevedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu miżuri, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-produzzjoni ta' l-iskart u l-ħsara tiegħu u, it-tieni, għall-irkupru ta' l-iskart permezz ta' l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet oħra ta' l-irkupru.

*Artikolu 2*
*Ambitu*

Din id-Direttiva m'għandhiex tkopri l-emissjonijiet tal-gass fl-atmosfera.

1. M'għandhiex tkopri l-kategoriji ta' skart li ġejjin, fir-rigward ta' ċerti aspetti speċifiċi ta' dawk il-kategoriji li huma diġà koperti minn leġiżlazzjoni Komunitarja oħra:

   (a) l-iskart radjuattiv;

   (b) l-iskart li jirriżulta mit-tiftix, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' riżorsi minerali u x-xogħol tal-barrieri;

   (ċ) materjal tal-ħmieġ ta' l-imsaren u sostanzi oħra naturali mhux perikolużi użati fil-biedja;

   (d) l-ilmijiet għall-iskart, bl-eċċezzjoni ta' l-iskart f'għamla likwida;

   (e) l-isplussivi li m'għadhomx attivi;

   (f) il-ħamrija kkontaminata mhux skavata.

2. M'għandux ikopri karkassi ta' l-annimali jew prodotti sekondarji ta' l-annimali maħsuba għall-użu skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva preżenti għat-trattament ta' bijoskart li fih prodotti sekondarji ta' l-annimali.

3. M’għandux ikopri materjal tal-ħmieġ ta’ l-imsaren, tiben jew sustanzi oħra li mhumiex perikolużi mill-produzzjoni agrikola li jintużaw fil-biedja jew għall-produzzjoni ta’ enerġija mill-bijomassa permezz ta’ l-użu ta’proċessi u metodi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent jew li ma jipperikolawx is-saħħa tal-bniedem.

4. ‘karkassi ta’ l-annimali’ kif imsemmija f’paragrafu 2 tfisser annimali li jmutu mhux għax jinqatlu għall-ikel, inkluż annimali maqtula għall-qerda ta’ mard epiżootiku, fil-kuntest ta’ prassi agrikola jew tal-biedja.

*Artikolu 3*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) ‘skart’ tfisser kull sostanza jew oġġett li l-possessur jarmi jew fi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi;

(b) ‘produttur’ tfisser kull min minħabba l-attivitajiet tiegħu jipproduċi skart jew kull min jagħmel l-ipproċessar minn qabel, iħallat jew operazzjonijiet oħra li jirriżultaw f’bidla fin-natura jew il-kompożizzjoni ta’ dan l-iskart;

(ċ) ‘possessur’ tfisser il-produttur ta’ l-iskart jew il-persuna ġuridika jew naturali li tkun fil-pussess ta’ l-iskart;

(d) ‘l-immaniġġjar’ tfisser il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta’ l-iskart, inkluż is-superviżjoni ta’ dawn l-operazzjonijiet u t-trattament ta’ wara tas-siti tar-rimi;

(e) ‘ġbir’ tfisser il-ġabra ta’ l-iskart għall-iskopijiet tat-trasport lejn impjant tat-trattament ta’ l-iskart;

(f) ‘l-użu mill-ġdid’ tfisser kull operazzjoni ta’ rkupru li biha prodotti jew komponenti li saru skart jerġgħu jintużaw għall-istess skop li kienu maħsubin għalih;

(g) “riċiklaġġ” tfisser l-irkupru ta’ l-iskart fi prodotti, materjal u sustanzi kemm jekk għall-użu oriġinali tagħhom kif ukoll għal għanijiet oħra. Ma jinkludix irkupru ta’ enerġija;

(h) ‘żjut minerali użati’ tfisser kull żejt ibbażat fuq minerali ta’ lubrikazzjoni jew industrijali li m’għadux tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub oriġinarjament, u partikolarment żjut użati tal-magna tal-kombustjoni u żjut tal-gerboks, żjut minerali ta’ lubrikazzjoni, żjut għat-turbini u żjut idrawliċi;

(i) ‘trattament” tfisser l-irkupru jew ir-rimi.

*Artikolu 4*
*Elenku ta’ skart*

L-Kummissjoni għandha tistabbilixxi elenku ta’ skart skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2).

L-elenku għandu jinkludi skart li għandu jitqies bħala perikoluż skond l-Artikoli 12 sa 15, billi jikkunsidra l-oriġini u l-kompożizzjoni ta' l-iskart u, fejn meħtieġ, jillimita l-valuri ta' konċentrazzjoni.

# Kapitolu II
# L-irkupru u r-rimi

## L-Ewwel Sezzjoni
## Ġenerali

*Artikolu 5*
*L-irkupru*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li l-iskart kollu jgħaddi minn operazzjonijiet li jirriżultaw li dan iservi skop utli fit-tibdil, jew fl-impjant jew fl-ekonomija usa', ta' riżorsi oħra li kienu jintużaw biex jissodisfaw dik il-funzjoni, jew biex ikun ippreparat għall-użu bħal dan, minn hawn 'il quddiem "operazzjonijiet ta' rkupru". Għandhom ikunu kkunsidrati bħala operazzjonijiet ta' rkupru ta' l-anqas l-operazzjonijiet elenkati fl-Anness II.

2. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kriterji ta' effiċjenza li fuq il-bażi tagħhom l-operazzjonijiet elenkati fl-Anness II jistgħu jkunu kkunsidrati li rriżultaw fi skop utli, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 6*
*Ir-rimi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-irkupru skond l-Artikolu 5(1) ma jkunx possibbli, l-iskart kollu jgħaddi mill-operazzjonijiet ta' rimi.

   Għandhom jipprojbixxu l-abbandun, *dumping* jew rimi ta' l-iskart mhux kontrollat.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu bħala operazzjonijiet ta' rimi mill-anqas l-operazzjonijiet elenkati fl-Anness I, anki meta l-operazzjoni għandha, bħala konsegwenza sekondarja, l-irkupru ta' xi sustanzi jew enerġija.

3. Meta, minkejja s-sostituzzjoni tar-riżorsi li tkun qiegħda sseħħ, ir-riżultati ta' operazzjoni jindikaw li, għall-finijiet ta' l-Artikolu 1, għandha potenzjal baxx biss, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jżidu dik l-operazzjoni speċifika ma' l-elenku indikat fl-Anness I.

*Artikolu 7*
*Kundizzjonijiet*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irkupru jew ir-rimi ta' l-iskart isir kif ġej:

(a) mingħajr periklu għas-saħħa tal-bniedem;

(b) mingħajr l-użu ta' proċessi jew metodi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent;

(ċ) mingħajr periklu għall-ilma, l-arja, il-ħamrija u l-pjanti u l-annimali;

(d) mingħajr ma jinħoloq fastidju permezz ta' ħsejjes jew irwejjaħ;

(e) mingħajr effetti ħżiena fuq il-kampanja jew postijiet ta' interess partikolari.

*Artikolu 8*
*Responsabbilità*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-possessur iwettaq l-irkupru jew ir-rimi tiegħu huwa stess jew jara li l-irkupru jew ir-rimi jsir minn stabbiliment jew intrapriża li twettaq attivitajiet ta' trattament ta' l-iskart jew jitwettqu minn entità tal-ġbir ta' l-iskart privata jew pubblika.

## IT-TIENI SEZZJONI
## SPEJJEŻ U NETWERKS

*Artikolu 9*
Spejjeż

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż ta' l-irkupru jew ir-rimi ta' l-iskart jiġu allokati, kif jixraq, bejn il-possessur, il-possessur preċedenti u min ipproduċih.

*Artikolu 10*
*Netwerk ta' impjanti tar-rimi*

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa, b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn meta dan ikun meħtieġ jew rakkomandabbli, sabiex ikun stabbilit netwerk integrat u adegwat ta' impjanti tar-rimi, li jqisu l-aħjar teknika disponibbli fis-sens ta' l-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 96/61/KE, minn hawn 'il quddiem "l-aħjar teknika disponibbli".

In-netwerk għandu jkun iddisinjat b'mod li jippermetti li l-Komunità, bħala entità, tkun awtosuffiċjenti fir-rimi ta' l-iskart u li l-Istati Membri jersqu lejn dan il-għan fuq bażi individwali, skond iċ-ċirkostanzi ġeografiċi u l-ħtieġa ta' impjanti speċjalizzati għal ċertu tip ta' skart.

In-netwerk għandu jippermetti li l-iskart jintrema f'wieħed mill-impjanti adattati l-aktar viċin, permezz ta' l-aktar metodi u teknoloġiji adattati sabiex ikun żgurat livell għoli ta' ħarsien għall-ambjent u s-saħħa pubblika.

# Kapitolu III
# Tmiem l-iskart

*Artikolu 1*
*Prodotti, materjal u sustanzi ta' natura sekondarja*

1. Bil-għan li jkun iddeterminat jekk ikunx xieraq li ċertu skart jitqies li ma għadux skart, li spiċċa l-operazzjoni ta' użu mill-ġdid, reċiklaġġ jew irkupru, u li l-iskart ikun klassifikat mill-ġdid bħala prodotti, materjal jew sustanzi ta' natura sekondarja, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunux sodisfatti:

   (a) li klassifikazzjoni mill-ġdid ma twassalx għall-impatti ġenerali negattivi fuq l-ambjent;

   (b) li jkun jeżisti suq għal tali prodott, materjal jew sustanza ta' natura sekondarja.

2. Skond il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' kategorija speċifika ta' prodott, materjal jew sustanza mill-iskart, fejn ikunu speċifikati l-kriterji ambjentali u ta' kwalità li għandhom jiġu sodisfatti sabiex dak l-iskart jitqies li sar prodott, materjal jew sustanza ta' natura sekondarja.

3. Il-kriterji stabbiliti skond il-paragrafu 2 għandhom ikunu tali li jiżguraw li l-prodott, materjal jew sustanza li jirriżultaw jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex titqiegħdu fis-suq.

   Il-kriterji għandhom iqisu kull periklu ta' użu jew trasport, tal-materjal jew sustanza ta' natura sekondrja, li jista' jkun ta' periklu għall-ambjent u għandhom jiġu stabbiliti fuq livell li jiggarantixxi livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

# Kapitolu IV
# Skart perikoluż

## L-EWWEL SEZZJONI
## KLASSIFIKAZZJONI U ELENKAR

*Artikolu 12*
*Klassifikazzjoni*

L-iskart għandu jitqies bħala skart perikoluż jekk ikollu xi waħda jew aktar mill-karatteristiċi elenkati fl-Anness III.

L-iskart perikoluż prodott fid-djar ma għandux jitqies bħala skart perikoluż sakemm jinġabar minn intrapriża li twettaq l-operazzjonijiet ta' trattament ta' l-iskart jew minn entità tal-ġbir ta' l-iskart privata jew pubblika.

Il-prodotti sekondarji ta’ l-annimali jew prodotti derivati minnhom, koperti bir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għall-skart perikoluż sakemm dawn ma jkunux ġew mħallta bi skart perikoluż.

*Artikolu 13*
*Elenku*

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tistabbilixxi elenku ta’ l-iskart perikoluż, minn hawn ’il quddiem “l-elenku”.

L-elenku għandu jqis l-oriġini u l-kompożizzjoni ta’ l-iskart u, fejn ikun meħtieġ, il-valuri limitu ta’ konċentrazzjoni.

*Artikolu 14*
*Skart perikoluż mhux elenkat*

1. Stat Membru jista’ jqis skart bħala skart perikoluż meta, anki jekk ma jkunx imniżżel fl-elenku ta’ skart li jirreferi għaliha l-Artikolu 4, minn issa ‘l quddiem “l-elenku”, jkollu waħda jew aktar mill-karatteristiċi elenkati fl-Anness III.

   L-Istat Membru għandu jinnotifika tali każijiet lill-Kummissjoni permezz tar-rapport ipprovdut fl-Artikolu 34(1), u għandu jipprovdi t-tagħrif rilevanti kollu lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tan-notifiki li tirċievi, tirrevedi l-elenku sabiex tiddeċċiedi dwar l-adattament tiegħu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 15*
*Skart mhux perikoluż elenkat*

1. Meta Stat Membru jkollu provi li xi skart speċifiku li jidher fl-elenku bħala skart perikoluż ma juri l-ebda waħda mill-karatteristiċi elenkati fl-Anness III, jista’ jqis dak l-iskart bħala skart mhux perikoluż.

   L-Istat Membru għandu jinnotifika tali każijiet lill-Kummissjoni permezz tar-rapport ipprovdut fl-Artikolu 34(1) u għandu jipprovdi l-provi meħtieġa lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tan-notifiki li tirċievi, tirrevedi l-elenku sabiex tiddeċiedi dwar l-adattament tiegħu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2).

## IT-TIENI SEZZJONI
## REKWIŻITI SPEĊJALI

*Artikolu 16*
*Separazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti meta l-iskart perikoluż jitħallat jew ma' skart perikoluż ieħor b'karatteristiċi differenti jew ma' skart, sustanzi jew materjali oħrajn:

   (a) l-operazzjoni ta' taħlit titwettaq minn stabbiliment jew intrapriża li tkun kisbet permess skond l-Artikolu 19;

   (b) il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7 jkunu sodisfatti;

   (ċ) l-impatt ambjentali ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart ma jmurx għall-agħar;

   (d) tali operazzjoni tkun konformi ma' l-aħjar teknika disponibbli.

2. Meta skart ikun tħallat, b'mod mhux konformi mal-paragrafu 1, ma' skart ieħor perikoluż li għandu karatteristiċi differenti jew ma' skart, sustanzi jew materjali oħrajn, għandha ssir is-separazzjoni fejn tkun meħtieġa sabiex ikun hemm konformità ma' l-Artikolu 7, skond kriterji tekniċi u ta' fattibilità ekonomika li għandhom ikunu ddeterminati mill-Istati Membri.

*Artikolu 17*
*Tikkettar*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, waqt il-ġbir, it-trasport u l-ħażna temporanja, l-iskart perikoluż ikun imballat u ttikkettat skond l-istandards internazzjonali u Komunitarji fis-seħħ.

2. Kull meta skart perikoluż jiġi trasportat, għandu jkun akkumpanjat b'formola ta' identifikazzjoni kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 259/93.

*Artikolu 18*
*Żjut minerali użati*

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi relatati ma' l-immaniġġar ta' l-iskart perikoluż stipulati fl-Artikoli 16 u 17, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ż-żjut minerali użati jinġabru u jkunu mmaniġġjati skond l-Artikolu 7.

# Kapitolu V
# Permessi jew reġistrazzjoni

## L-EWWEL SEZZJONI
## PERMESSI

### L-EWWEL SUBSEZZJONI
### ĠENERALI

*Artikolu 19*
*Ħruġ*

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li kull stabbiliment jew intrapriża li jkollhom l-intenzjoni li jwettqu operazzjonijiet ta' rimi jew irkupri jridu jiksbu permess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Tali permessi għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

(a) it-tipi u l-kwantitajiet ta' skart li jista' jiġi ttrattat;

(b) għal kull tip ta' operazzjoni permessa, ir-rekwiżiti tekniċi relevanti għas-sit ikkonċernat;

(ċ) il-miżuri ta' sigurtà li għandhom jittieħdu;

(d) il-metodu li għandu jiġi użat għal kull tip ta' operazzjoni.

Il-permessi jistgħu jistipulaw kundizzjonijiet u obbligi addizzjonali.

2. Il-permessi jistgħu jinħarġu għal perjodu speċifiku u jistgħu jkunu jiġġeddu.

3. Meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tqis li l-metodu ta' trattament maħsub mhuwiex aċċettabbli mill-aspett tal-ħarsien ta' l-ambjent, għandha tirrifjuta li toħroġ il-permess.

4. Għandha tkun kundizzjoni tal-permess, li jkopri l-irkupru ta' l-enerġija, li l-irkupru ta' l-enerġija jitwettaq b'livell għoli ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

*Artikolu 20*
*Permessi skond id-Direttiva 96/61/KE*

L-Artikolu 19(1) ta' din id-Direttiva ma japplikax f'każ ta' stabbiliment jew intrapriża li tkun kisbet permess skond id-Direttiva 96/61/KE.

*Artikolu 21*
*Miżuri ta' implimentazzjoni*

Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta standards minimi għall-permessi maħsuba sabiex jiżguraw li l-iskart jiġi ttrattat b'mod validu mill-aspett ambjentali.

**IT-TIENI SUBSEZZJONI**
**EŻENZJONIJIET**

*Artikolu 22*
*Eliġibbiltà*

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw dawn li ġejjin mir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 19(1):

(a) stabbilimenti jew intrapriżi li jittrattaw huma stess l-iskart fil-post tal-produzzjoni;

(b) stabbilimenti jew intrapriżi li jwettqu l-irkupru ta' l-iskart.

Meta stabbiliment jew intrapriża jwettqu kemm ir-rimi kif ukoll l-irkupri, jistgħu jiġu eżentati biss fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' irkupru.

*Artikolu 23*
*Regoli ġenerali*

1. Meta Stat Membru jkun irid jippermetti eżenzjonijiet, skond l-Artikolu 22, għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jistipulaw, fir-rigward ta' kull tip ta' attività, regoli ġenerali li jispeċifikaw it-tipi u l-kwantitajiet ta' skart li jista' jkun kopert b'eżenzjoni u l-metodu ta' trattament li għandu jintuża.

   Dawn ir-regoli għandhom ikunu skond l-aħjar teknika disponibbli u għandhom ikunu maħsuba sabiex jiżguraw konformità ma' l-Artikolu 7.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ġenerali stabbiliti skond il-paragrafu 1.

*Artikolu 24*
*Skart perikoluż*

Fil-każ ta' skart perikoluż, l-Istati Membri jistgħu jippermettu biss l-eżenzjoni, skond l-Artikolu 22, ta' stabbilimenti jew intrapriżi li jwettqu operazzjonijiet ta' irkupru.

B'żieda mar-regoli ġenerali previsti mill-Artikolu 23(1), l-Istati Membri għandhom jistipulaw kundizzjonijiet speċifiċi għall-eżenzjonijiet relatati ma' l-iskart perikoluż, inklużi valuri limitu fir-rigward tal-kontenut ta' sustanzi perikolużi fl-iskart, valuri limiti fir-rigward ta' l-emissjoni, tipi ta' attività, kif ukoll kwalunkwe rekwiżiti oħrajn neċessarji sabiex jitwettqu t-tipi ta' irkupru differenti.

## IT-TIENI SEZZJONI
## REĠISTRAZZJONI

*Artikolu 25*
*Reġistrazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità nazzjonali kompetenti żżomm reġistru ta' l-istabbilimenti jew intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart fuq bażi professjonali jew li, bħala negozjanti jew sensara, jipprovdu biex isir it-trattament f'isem oħrajn u ma humiex soġġetti għar-rekwiżit li jkollhom permess skond l-Artikolu 19(1).

Dawn l-istabbilimenti jew l-intrapriżi għandhom jissodisfaw ċerti standards minimi.

2. L-istabbilimenti jew intrapriżi kollha eżentati skond is-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 1 għandhom jitniżżlu fir-reġistru stipulat fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta l-istandards minimi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema tal-ġbir u t-trasport ta' l-iskart fit-territorju tagħhom tiżgura li l-iskart miġbur u ttrasportat jiġi konsenjat lil impjanti ta' trattament adattati b'konformità ma' l-obbligi ta' l-Artikolu 7.

# Kapitolu VI
# L-immaniġġjar ta' l-iskart

## L-EWWEL SEZZJONI
## PJANIJIET

*Artikolu 26*
*Pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistabbilixxu, skond l-Artikolu 1, pjan wieħed jew aktar għall-immaniġġjar ta' l-iskart, li għandhom ikunu riveduti mill-anqas darba kull ħames snin.

Dawn il-pjanijiet, weħidhom jew f'kombinament, għandhom ikopru t-territorju kollu ta' l-Istat Membru kkonċernat.

2. Il-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart stipulati fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu analiżi tal-qagħda kurrenti ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart fl-entità ġeografika kkonċernata kif ukoll il-miżuri li għandhom jitwettqu għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u r-rimi bla periklu ta' l-iskart.

3. Il-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart għandhom jinkludu mill-anqas dan li ġej:

(a) it-tip, kwantità u oriġini ta' l-iskart iġġenerat kif ukoll l-iskart li aktarx ikun ittrattat minn barra t-territorju nazzjonali;

(b) ir-rekwiżiti tekniċi ġenerali, inklużi l-iskemi ta' ġbir u metodi ta' trattament;

(c) xi arranġamenti speċjali fir-rigward ta' sorsi ta' skart li joħolqu problemi speċifiċi ta' politika, tekniċi jew fl-immaniġġjar ta' l-iskart;

(d) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-impjanti eżistenti għar-rimi u l-irkupru fil-kwantità kif ukoll siti għar-rimi ta' l-iskart storikament kontaminati u l-miżuri għar-riabilitazzjoni tagħhom;

(e) tagħrif biżżejjed, f'forma ta' kriterji għall-identifikazzjoni tas-siti, li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddeċiedu jekk joħorġux jew le awtorizzazzjoni għall-impjanti tar-rimi jew ta' l-irkupru prinċipali li jiżviluppaw fil-futur;

(f) il-persuni naturali jew legali li għandhom is-setgħa li jagħmlu mmaniġġjar ta' l-iskart;

(g) l-aspetti finanzjarji u ta' organizzazzjoni relatati ma' l-immaniġġjar ta' l-iskart;

(h) valutazzjoni ta' l-utilità u l-idonjetà ta' strumenti ekonomiċi partikolari fit-trattament ta' diversi problemi konnessi ma' l-iskart, fid-dawl tal-ħtieġa li tinżamm l-operazzjoni mingħajr skossi tas-suq intern.

4. Il-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart għandhom ikunu skond ir-rekwiżiti għall-ippjanar stipulati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 94/62/KE u l-istrateġija għat-tnaqqis ta' l-iskart bijodegradibbli li jintefa' fil-*landfills*, imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/31/KE, inklużi kampanji sinifikanti għal qawmien ta' kuxjenza u l-użu ta' strumenti ekonomiċi.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart kollha li jiġu adottati jew dwar kull reviżjoni tal-pjanijiet tagħhom għall-immaniġġjar ta' l-iskart.

Fl-istess waqt, għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni valutazzjoni ġenerali dwar kif il-pjanijiet sejrin jikkontribwixxu għall-għanijiet tad-Direttiva. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi l-valutazzjoni strateġika ambjentali tal-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart stipulata fid-Direttiva 2001/42/KE.

*Artikolu 27*
*Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri*

L-Istati Membri għandhom jikkooperaw kif jixraq ma' l-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati sabiex iħejju l-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart skond l-Artikolu 26.

Għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-pubbliku skond id-Direttiva 2003/35/KE b'mod partikolari billi l-pjanijiet jitqiegħdu fuq l-internet fuq sit aċċessibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 28*
*Miżuri ta' implimentazzjoni*

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta l-format tan-notifika skond l-Artikolu 26(5).

## IT-TIENI SEZZJONI
## PROGRAMMI GĦALL-PREVENZJONI TA' L-ISKART

*Artikolu 29*
*Twaqqif*

1. L-Istati Membri għandhom, skond l-Artikolu 1, joħolqu programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart mhux aktar tard minn [*tliet snin minn meta din id-Direttiva tidħol fis-seħħ*].

   Tali programmi għandhom jew jiġu integrati fil-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart stipulati fl-Artikolu 26 jew jiffunzjonaw bħala programmi separati. Għandhom ikunu ppreparati fuq il-livell ġeografiku l-aktar xieraq għall-applikazzjoni effikaċi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li għandhom interess u l-pubbliku ġenerali jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw fil-preparazzjoni tal-programmi, u jkollhom aċċess għalihom meta jkunu ppreparati, skond id-Direttiva 2003/35/KE.

*Artikolu 30*
*Kontenut*

1. Fil-programmi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri għall-prevenzjoni ta' l-iskart u għandhom jivvalutaw opportunitajiet biex jieħdu miżuri kif stabbiliti fl-Anness IV.

   Tali miri u miżuri għandhom ikunu maħsuba sabiex jaqtgħu r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-impatti ambjentali assoċjati mal-ġenerazzjoni ta' l-iskart.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw miri kwalitattivi u kwantitattivi speċifiċi u indikaturi għal kull miżura jew kombinament ta' miżuri adottati sabiex jimmonitorjaw u jivvalutaw il-progress tal-miżuri individwali.

*Artikolu 31*
*Reviżjoni*

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw, b'mod regolari, il-programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart u, bħala minimu, qabel ma jressqu r-rapporti tagħhom skond l-Artikolu 34(1).

# Kapitolu VII
# Spezzjonijiet u reġistri

*Artikolu 32*
*Spezzjonijiet*

1. L-istabbilimenti jew l-intrapriżi li jwettqu l-operazzjonijiet tat-trattament ta' l-iskart, l-istabbilimenti jew l-intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart fuq bażi professjonali jew li jwettqu t-trattament ta' l-iskart f'isem ħaddieħor, u l-produtturi ta' l-iskart perikoluż għandhom ikunu suġġetti għal spezzjonijiet perjodiċi xierqa mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-ispezzjonijiet fir-rigward ta' l-operazzjonijiet tal-ġbir u t-trasport għandhom ikopru l-oriġini u d-destinazzjoni ta' l-iskart miġbur u ttrasportat.

*Artikolu 33*
*Żamma ta' reġistri*

1. L-istabbilimenti jew l-intrapriżi msemmija fl-Artikolu 19(1), il-produtturi ta' l-iskart perikoluż u l-istabbilimenti u l-intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart perikoluż għandhom iżommu reġistru tal-kwantità, in-natura, l-oriġini u, meta jkun rilevanti, id-destinazzjoni, il-frekwenza tal-ġbir, il-metodu tat-trasport u l-metodu tat-trattament mistenni fir-rigward ta' l-iskart u jżommu dan it-tagħrif disponibbli, fuq talba, għall-awtoritajiet kompetenti.

2. Fil-każ ta' skart perikoluż, ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-anqas tliet snin għajr għall-każ ta' stabbilimenti u intrapriżi li jittrasportaw l-iskart perikoluż li għandhom iżommu tali reġistri għal mill-anqas 12-il xahar.

   Prova dokumentata li l-operazzjonijiet ta' maniġġjar ikunu twettqu għandha tkun ipprovduta fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti jew tal-possessur preċedenti.

# Kapitolu VIII
# Dispożizzjonijiet Finali

*Artikolu 34*
*Rappurtaġġ u reviżjoni*

1. F'intervalli ta' tliet snin, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, permezz ta' rapport settorjali[15].

[15] Rappurtaġġ ta' tagħrif kwantitattiv fir-rigward tal-ġenerazzjoni u t-trattament ta' l-iskart għandu jsir skond ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002. Il-frekwenza tar-rapporti u l-limiti ta' żmien għandhom jiġu stipulati fl-annessi ta' dak ir-Regolament.

Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq kwestjonarju jew qafas stabbilit mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE[16]. Ir-rapport għandu jasal għand il-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin li jkopri.

L-Istati Membri għandhom jinkludu ma' dawn ir-rapporti informazzjoni dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tal-programmi tagħhom għall-prevenzjoni ta' l-iskart.

Fil-kuntest ta' l-obbligi ta' rappurtaġġ, għandha tinġabar *data* dwar l-iskart ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel, li jippermetti li jiġu stabbiliti regoli għall-użu sikur, l-irkupru, ir-riċiklaġġ u r-rimi tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kwestjonarju jew qafas lill-Istati Membri sitt xhur qabel jibda l-perjodu kopert mir-rapport.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport Komunitarju dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri skond il-paragrafu 1.

4. Fl-ewwel rapport li jiġi fil-ħames snin mid-data ta' meta tidħol fis-seħħ din id-Direttiva, il-Kummissjoni se tirrevedi l-implimentazzjoni tad-Direttiva u, jekk jixraq, għandha tippreżenta proposta għal reviżjoni.

*Artikolu 35*
*Adattament għall-progress tekniku*

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(2), tadotta l-emendi meħtieġa għall-adattament ta' l-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku.

*Artikolu 36*
*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skond l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu pprovdut skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jaddotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

---

16 ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

*Artikolu 37*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill- [*niżżel data 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ*]. Għandhom immedjatament jikkomunikaw lill-Komunità t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

   Meta Stat Membru jadotta dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni ta' l-ewwel pubblikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testijiet tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 38*
*Abrogazzjoni*

Id-Direttivi 75/439/KEE, 75/442/KEE u 91/689/KEE huma abrogati.

Referenzi għad-Direttivi abrogati għandhom jittieħdu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 39*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 40*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# ANNESS I

## OPERAZZJONIJIET TA’ RIMI

D 1 Id-depożitu taħt l-art jew fuqha (per eżempju, *landfill*, eċċ.)

D 2 It-trattament ta' l-art (per eżempju, il-bijodegradazzjoni ta' rimi likwidu jew ta' tajn oħxon fil-ħamrija, eċċ.)

D 3 L-injezzjoni fil-fond (per eżempju, it-tidħhil ta' rimi bil-pompi fi bjar, munzelli tal-melħ jew repożitorji li jokkorru min-natura, eċċ.)

D 4 Il-konfiska tal-wiċċ ta' l-art (per eżempju, tqegħid ta' rimi likwidu jew ta' tajn oħxon fil-ħofor, għadajjar jew laguni, eċċ.)

D 5 Ir-radamijiet disinjati u użati b'inġinerija speċifika għal dan ix-xogħol (per eżempju, it-tqegħid fi ġwiebi miksija u separati minn xulxin li jkunu mgħottijin u iżolati minn xulxin u mill-ambjent, eċċ.)

D 6 Ir-rilaxx f'korp ta' ilma għajr l-ibħra/oċeani

D 7 Ir-rilaxx fl-ibħra/oċeani inkluż it-tidħil taħt qiegħ il-baħar

D 8 It-trattament bijoloġiku speċifikat imkien ieħor f'dan l-Anness li jirriżulta f'komposti jew taħlitiet aħħarija li jintremew permezz ta' kull wieħed mix-xogħlijiet numerati minn D 1 sa D 12

D 9 It-trattament fiżiko-kimiku speċifikat imkien iktar f'dan l-Anness li jirriżulta fil-komposti jew it-taħlitiet aħħarija li jintremew permezz ta' kull wieħed mix-xogħlijiet numerati minn D 1 sa D 12 (per eżempju, evaporazzjoni, tnixxif, kalċinazzjoni, eċċ.)

D 10 L-inċinerazzjoni fuq l-art

D 11 L-inċinerazzjoni fuq il-baħar

D 12 Ħażna permanenti (per eżempju, tqegħid f'kontenituri f'minjiera, eċċ.)

D 13 It-twaħħil flimkien jew taħlit qabel ma jiġu sottomessi għal kull xogħol numerat minn D 1 sa D 12

D 14 L-ippakkjar mill-ġdid minn qabel is-sottomissjoni għal kull xogħol numerat minn D 1 sa D 13

D 15 Il-ħażna sakemm isir kull xogħol numerat minn D 1 sa D 14 (minbarra ħażna temporanja, sakemm isir il-ġbir, fuq il-lok fejn jiġi prodott)

## ANNESS II

## OPERAZZJONIJIET TA' RKUPRU

R 1 L-użu prinċipali bħala karburant jew mezzi oħra ta' ġenerazzjoni ta' l-enerġija

Dan jinkludi faċilitajiet għall-inċinerazzjoni ddedikati għall-ipproċessar ta' skart solidu muniċipali biss fejn l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija daqs jew iktar minn:

– 0.60 għall-installazzjonijiet li joperaw u li huma permessi skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja qabel l-1 ta' Jannar 2009,

– 0.65 għall-installazzjonijiet permessi wara l-31 ta' Diċembru 2008,

bl-użu tal-formola li ġejja[17]:

Effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija = (Ep -(Ef + Ei)) / (0.97 x (Ew + Ef))

Fejn:

Ep hija l-enerġija prodotta f'sena bħala sħana jew elettriku. Hija tiġi kkalkulata bl-enerġija f'forma ta' elettriku mmultiplikata b'2.6 u s-sħana pprovduta għall-użu kummerċjali mmultiplikata b'1.1 (GJ/sena)

Ef hija l-enerġija pprovduta lis-sistema f'sena minn karburanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni ta' l-istim (GJ/sena)

Ew hija l-enerġija kontenuta f'sena fl-iskart ittrattat ikkalkulata skond il-valur kalorifiku nett l-aktar baxx ta' l-iskart (GJ/sena)

Ei hija l-enerġija impurtata f'sena esklużi l-Ew u l-Ef (GJ/sena)

0.97 huwa fattur li jaġġusta għat-telf ta' l-enerġija minħabba r-residwi li ma jinħarqux u r-radjazzjoni.

R 2 Ir-riklamazzjoni/riġenerazzjoni ta' solventi

R 3 Ir-riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' sustanzi oganiċi li ma jintużawx bħala solventi (inklużi t-tisjir tad-demel u proċessi oħra ta' trasformazzjoni bijoloġika)

R 4 Ir-riċiklaġġ/riklamazzjoni tal-metalli u komposti tal-metalli

R 5 Ir-riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' materjali oħra inorganiċi

R 6 Il-ġenerazzjoni mill-ġdid ta' aċidi jew bażijiet

R 7 L-irkupru tal-komponenti użati fit-taffija tat-tniġġis

R 8 L-irkupru tal-komponenti mill-katalistijiet

[17] Din il-formula hija bbażata fuq tagħrif inkluż fid-dokument ta' referenza dwar l-Aħjar Teknika Disponibbli għall-inċinerazzjoni ta' l-iskart.

R 9 Ir-raffinazzjoni mill-ġdid taż-żjut jew użi oħra mill-ġdid taż-żjut

R 10 It-trattament ta' l-art li jirriżulta f'benefiċċju għall-biedja jew għat-titjib ekoloġiku

R 11 L-użu ta' l-iskartijiet miksuba minn kull xogħol numerat minn R 1 sa R 10

R 12 L-iskambju ta' l-iskartijiet sabiex jiġu sottomessi għal kull xogħol numerat minn R 1 sa R 11

R 13 Il-ħażna ta' l-iskart sakemm isir kull xogħol numerat minn R 1 sa R 12 (minbarra ħażna temporanja, sakemm isir il-ġbir, fuq il-lok fejn ikun prodott)

## ANNESS III

## KARATTERISTIĊI TA' L-ISKART LI JIRRENDUH PERIKOLUŻ

H1 'Splussiv': sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jisplodu taħt l-effett ta' fjamma jew li huma aktar sensittivi għal xokkijiet jew frizzjoni mid-dinitrobenzine

H2 'Oxidizing': sustanzi u preparazzjonijiet li juru reazzjonijiet exotermiċi għoljin meta f'kuntatt ma' sustanzi oħra, b'mod partikolari sustanzi li jieħdu n-nar.

H3-A 'Jieħdu n-nar malajr':

– sustanzi likwidi u preparazzjonijiet li għandhom *flash point* taħt il-21 °C (inklużi likwidi li jaqbdu ħafna), jew

– sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jisħnu u wara jieħdu n-nar f'kuntatt ma' l-arja f'temperatura ambjentali mingħajr l-applikazzjoni ta' enerġija, jew

– sustanzi solidi u preparazzjonijiet li jistgħu faċilment jieħdu n-nar wara kuntatt qasir ma' sors ta' tqabbid ta' nar u li jkomplu jaqbdu jew jikkonsmaw wara t-tneħħija tas-sors tan-nar, jew

– sustanzi u preparazzjonijiet ta' gass li jieħdu n-nar fl-arja fi pressjoni normali, jew

– sustanzi u preparazzjonijiet, li f'kuntatt ma' l-ilma jew arja umda, jiżviluppaw gassijiet li jieħdu n-nar malajr fi kwantitajiet perikolużi.

H3-B 'Jieħdu n-nar': sustanzi likwidi u preparazzjonijiet li għandhom flash point ugwali għal jew ikbar minn 21 °C u anqas minn jew ugwali għal 55 °C.

H4 'Irritanti': sustanzi u preparazzjonijiet li ma jitmermrux li, permezz ta' kuntatt immedjat, għat-tul jew ripetut mal-ġilda jew membrana bil-mucus, jistgħu jikkawżaw infjammazzjoni.

H5 'Li jagħmlu il-ħsara': sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk wieħed jiġbidhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jinfdu l-ġilda, jistgħhu jwasslu għal riskji limitati ta' saħħa.

H6 'Tossiċi': sustanzi jew preparazzjonijiet (inklużi sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna) li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jinfdu l-ġilda, jistgħu jikkaġunaw riskji serji għas-saħħa, akuti jew kroniċi u wkoll mewt.

H7 'Li jġibu l-kankru': sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jippenetraw il-ġilda, jistgħu jġibu l-kankru jew ikabbru l-inċidenza tiegħu.

H8 'Korroživi': sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jeqirdu tixxju ħaj meta jmissu miegħu.

H9 'Infettuż': sustanzi li jkun fihom mikro-organiżmi jew il-velenu tagħhom li huma magħrufa jew li nemmnu bis-sħiħ li jikkaġunaw mard fil-bnieden u organiżmi ħajjin.

H10 'Li jikkaġunaw diformazzjonijiet koroh': sustanzi jew preparazzjonijiet li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jippenetraw il-ġilda, jistgħu jwasslu għal malformazzjonijiet mit-twelid (konġeniti) mhux ereditarji jew ikabbru l-inċidenza tagħhom.

H11 'Mutagenic': sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk wieħed jeħodhom man-nifs jew jiblagħhom jew jekk jinfdu l-ġilda, jistgħu jwasslu għal difetti ġenetiċi ereditarji jew ikabbru l-inċidenza tagħhom.

H12 Sustanzi u preparazzjonijiet li jerħu gassijiet tossiċi jew tossiċi ħafna meta jiġu f'kuntatt ma' l-ilma, l-arja jew xi aċidu.

H13 Sustanzi u preparazzjonijiet kapaċi bi kwalunkwe mezz, wara li jirtemew, joħorġu xi sustanza oħra, eż. xi ċarċir, li jkun fih xi waħda mill-karatteritiċi elenkati hawn fuq.

H14 'Ekotossiċi': sustanzi u preparazzjonijiet li jippreżentaw jew jistgħu jippreżentaw riskji immedjati jew li jieħdu ż-żmien għal settur wieħed jew aktar ta' l-ambjent.

**Noti**

1. L-għoti tal-karatteristiċi perikolużi 'tossiċi' (u 'tossiċi ħafna'), 'perikolużi', 'korrożivi', u 'irritanti' huwa magħmul fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti bl-Anness VI, parti I A u parti II B, tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE[18] kif emendata.

2. Fir-rigward ta' l-għoti tal-karatteristiċi 'li jikkawżaw l-kankru', 'li jikkaġunaw deformazzjonijiet koroh' u '*mutagenic*', u li jirriflettu l-għarfien l-aktar reċenti, kriterji addizzjonali jinsabu fil-'Gwida għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi' stabbiliti fil-Parti II D ta' l-Anness VI tad-Direttiva 67/548/KEE kif emendata.

**Metodi ta' ttestjar**

Il-metodi li għandhom jintużaw huma dawk deskritti fl-Anness V tad-Direttiva 67/548/KEE, kif emendata.

18 ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1.

## ANNESS IV

## MIŻURI GĦALL-PREVENZJONI TA' L-ISKART

*Miżuri li jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet qafas relatati mal-ġenerazzjoni ta' l-iskart*

1. L-użu ta' miżuri ta' ppjanar, jew strumenti ekonomiċi oħrajn li jaffettwaw id-disponibbiltà u l-prezz tar-riżorsi primarji.

2. Il-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-kisba ta' prodotti u teknoloġiji aktar nodfa u mingħajr ħela u t-tixrid u l-użu tar-riżultati ta' tali riċerka u żvilupp.

3. L-iżvilupp ta' indikaturi effettivi u sinifikanti tal-pressjonijiet fuq l-ambjent assoċjati mal-ġenerazzjoni ta' l-iskart fil-livelli kollha, mit-tqabbil tal-prodotti permezz ta' azzjoni meħuda mill-awtoritajiet lokali sa miżuri nazzjonali.

*Miżuri li jistgħu jaffettwaw il-fażi ta' l-iddisinjar u l-produzzjoni*

4. Il-promozzjoni ta' l-iddisinjar ekoloġiku (l-integrazzjoni sistematika ta' l-aspetti ambjentali fid-disinn tal-prodott bil-għan li jittejjeb ir-rendiment ambjentali tal-prodott matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu kollu).

5. L-għoti ta' tagħrif dwar it-teknika tal-prevenzjoni ta' l-iskart bil-għan li tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni ta' l-Aħhjar Teknika Disponibbli mill-industrija.

6. L-organizzazzjoni ta' taħriġ ta' l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' l-inklużjoni ta' rekwiżiti dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart fil-permessi skond din id-Direttiva u d-Direttiva 96/61/KE.

7. L-inklużjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-produzzjoni ta' l-iskart f'impjanti mhux koperti mid-Direttiva 96/61/KE. Fejn ikun xieraq, tali miżuri jistgħu jinkludu valutazzjoni jew pjanijiet tal-prevenzjoni ta' l-iskart

8. L-użu ta' kampanji ta' għarfien jew l-għoti ta' appoġġ finanzjarju, fit-teħid tad-deċiżjonijiet jew appoġġ ieħor lin-negozji. Tali miżuri aktarx ikunu effettivi b'mod partikolari meta jkunu mmirati lejn, u adattati għal, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u joperaw permezz ta' netwerks tan-negozju stabbiliti.

9. L-użu ta' ftehim volontarju, għaqdiet ta' produtturi/konsumaturi jew negozjati settorjali sabiex in-negozji rilevanti jew is-setturi industrijali jadottaw il-pjanijiet għall-prevenzjoni ta' l-iskart jew għanijiet għall-korrezzjoni ta' prodotti jew ippakkjar li jaħlu.

10. Il-promozzjoni ta' sistemi għall-immaniġġjar ambjentali tajbin, inkluża l-ISO 14001.

*Miżuri li jistgħu jaffettwaw il-fażi ta' konsum u użu*

11. Strumenti ekonomiċi bħal inċentivi għal xiri 'nadif' jew l-istituzzjoni ta' ħlas obbligatorju mill-konsumaturi għal oġġett jew elementi ta' ppakkjar speċifiċi li kieku kienu jingħataw b'xejn.

12. L-użu ta' kampanji biex titqajjem kuxjenza u l-għoti ta' tagħrif immirati lejn il-pubbliku ġenerali jew grupp speċifiku ta' konsumaturi.

13. Il-promozzjoni ta' eko-tikketti tajbin.

14. Ftehim ma' l-industrija, bħall-użu ta' għaqdiet ta' prodotti bħal dawk li qegħdin jitwettqu fi ħdan il-qafas tal-Politika Integrata dwar il-Prodotti jew mal-bejjiegħa bl-imnut dwar id-disponibbiltà ta' tagħrif dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart u l-prodotti b'anqas impatt fuq l-ambjent.

15. Fil-kuntest ta' xiri pubbliku u korporattiv, l-integrazzjoni ta' kriterji ambjentali u tal-prevenzjoni ta' l-iskart f'sejħiet għal offerti u kuntratti, skond il-Manwal dwar ix-xiri pubbliku ambjentali ppubblikat mill-Kummissjoni fid-29 ta' Ottubru 2004.

16. Il-promozzjoni ta' l-użu mill-ġdid/jew tiswija ta' prodotti skartati xierqa, primarjament permezz ta' l-istabbiliment ta' netwerks ta' tiswija/użu mill-ġdid jew appoġġ għalihom.

## ANNESS V

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva 75/442/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(a) | Artikolu 3(1)(a) |
| Artikolu 1(a)(2) | Artikolu 4 |
| Artikolu 1(b) | Artikolu 3(1) (b) |
| Artikolu 1(c) | Artikolu 3(1) (c) |
| Artikolu 1(d) | Artikolu 3(1) (d) |
| Artikolu 1(e) | Artikolu 5 |
| Artikolu 1(f) | Artikolu 6 |
| Artikolu 1(g) | Artikolu 3(1) (e) |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 2 |
| Artikolu 2(2) | - |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 1 |
| Artikolu 3(2) | - |
| Artikolu 4 | Artikolu 7 |
| Artikolu 5 | Artikolu 10 |
| Artikolu 6 | - |
| Artikolu 7(1),(2) | Artikolu 26 |
| Artikolu 7(3) | - |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | Artikolu 19 |
| Artikolu 10 | Artikolu 19 |
| Artikolu 11 | Artikoli 22 - 24 |
| Artikolu 12 | Artikolu 25 |
| Artikolu 13 | Artikolu 32 |

| | |
|---|---|
| Artikolu 14 | Artikolu 33 |
| Artikolu 15 | Artikolu 9 |
| Artikolu 16 | Artikolu 34 |
| Artikolu 17 | Artikolu 35 |
| Artikolu 18 | Artikolu 36 |
| Artikolu 19 | Artikolu 37 |
| Artikolu 20 | Artikolu 38 |
| Artikolu 21 | Artikolu 39 |
| Anness I | - |
| Anness IIA | Anness I |
| Anness IIB | Anness II |
| | |
| **Id-Direttiva 75/439/KEE** | |
| Artikolu 1(1) | Artikolu 3(1)(g) |
| Artikolu 2 | Artikoli 18 u 7 |
| Artikolu 3(1), (2) | - |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 7 |
| Artikolu 4 | Artikolu 7 |
| Artikolu 5(1) | - |
| Artikolu 5(2) | - |
| Artikolu 5(3) | - |
| Artikolu 5(4) | Artikolu 19, 25 |
| Artikolu 6 | Artikolu 19 |
| Artikolu 7(a) | Artikolu 7 |
| Artikolu 7(b) | - |
| Artikolu 8(1) | - |

| | |
|---|---|
| Artikolu 8(2)(a) | - |
| Artikolu 8(2)(b) | - |
| Artikolu 8(3) | - |
| Artikolu 9 | - |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 16 |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 7 |
| Artikolu 10(3),(4) | - |
| Artikolu 10(5) | Artikoli 12 sa 15 |
| Artikolu 11 | Artikolu 25 |
| Artikolu 12 | Artikolu 25 |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 32 |
| Artikolu 13(2) | - |
| Artikolu 14 | - |
| Artikolu 15 | - |
| Artikolu 16 | - |
| Artikolu 17 | - |
| Artikolu 18 | Artikolu 34 |
| Artikolu 19 | - |
| Artikolu 20 | - |
| Artikolu 21 | - |
| Artikolu 22 | - |
| Anness I | - |
| | |
| **Id-Direttiva 91/689/KEE** | |
| Artikolu 1(1) | - |
| Artikolu 1(2) | - |

| | |
|---|---|
| Artikolu 1(3) | Artikolu 3 |
| Artikolu 1(4) | Artikoli 3 u 12 sa 15 |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 34 |
| Artikolu 2(2)-(4) | Artikolu 16 |
| Artikolu 3 | Artikoli 19 sa 24 |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 32 |
| Artikolu 4(2)(3) | Artikolu 33 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 17 |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 32 |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 33 |
| Artikolu 6 | Artikolu 26 |
| Artikolu 7 | - |
| Artikolu 8 | - |
| Artikolu 9 | - |
| Artikolu 10 | - |
| Artikolu 11 | - |
| Artikolu 12 | - |
| Anness I, II | - |
| Anness III | Anness III |